# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Francis Borg

Illum 4 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Francis Borg bin N/A imwieled fil-25/05/1965 u joqghod 36, St. Joseph, Triq San Rokku, Zebbug. ID 0266065M.

Billi int akkuzat talli fit-18 ta' Lulju, 2022 ghall-habta ta' 13:50 hrs Fi Triq L-Imdina, Zebbug, soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni GBT 257.

1. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkagunajt hruq jew ghamilt hsara jew gharraqt xi haga , minhabba f`hekk Saviour Frendo

baghta offiza gravi fuq il-persuna minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. Luke Borg MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.
Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328 (c) Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 1458 M Fenech** xehed permezz ta' affidavit.

**Saviour Frendo** xehed hekk:

Pros: Sur Frendo inti irrapurtajt xi haga l-pulizija?

Xhud: Jien kont qed naqsam.

Pros: Meta sinjur?

Xhud: Minghalija 2 ta` Lulju kien mhinix cert ghax ilha xi sena u nofs din Imdina road Zebbuġ xi siegħa ta' wara nofsinhar

tal-karozza ċedieli biex naqsam u ta' warajh baqa' dieħel ġo fija.

Pros: Tal-Karozza min hu tal-karozza min hu?

Xhud: Min tajjarni Joseph dik biss li naf il-bqija ma nafx xejn.

Pros: Fejn kont qed taqsam?

Xhud: Imdina road Zebbug.

Pros: Hemm xi ħaġa partikolari hemmhekk x`ghedtilha il-pulizija inti?

Xhud: Le jien il-pulizija aqqas kellimtu ghax jiena ġabritni l-ambulanza u ħaduni umbaghad il-pulizija baghtli l-karta għall qorti taħrika.

Pros: Meta qed tgħid li qed tagħraf ix-xufier li daħal fih kif kien qed isuq?

Xhud: Jiena rajtu ġej ghall-ġo fija ma nafx.

Qorti: Jien imma kif fhimtx kif seħħ l inċident frankament. Ceda xi hadd, int bdejt taqsam?

Xhud: Zewg karozzi għaddejjin wara xulxin ta' quddiem waqqafli u ta' wara ma ndunax li waqqaf qabeż in- naħa l-oħra fuq zebra cross u tajjarni jiġifieri.

Pros: Kont fuq żebra cross inti?

Xhud: Iva.

Pros: Kemm kont wasalt fil-bidu taz-zebra cross?

Xhud: Le jiena kont f`nofs iz-zebra cross ghax hi qeghda zewg karregati.

Qorti: Jigifieri dan kien hemm karozza waqfet fuq iz-zebra cross int bdejt miexi min kien warajh qabzu u qabdek?

Xhud: Ezatt.

Pros: Konsegwentement ta' dan l-inċident ġaralek sinjur?

Xhud: Għamilt xahrejn ma ssuqx għax bid-daqqa li tani ghollieni u ġejt fuq il-bankina daqqa ġol groin.

Pros: M'għandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Kemm tfakkarni meta ġara l-każ sinjur?

Xhud: Ma niftakarx bl-amment.

Avu: M`għandix aktar domandi sinjura.

**Ikkunsidrat**

Ix-xhud Saviour Frendo ma setghax jaghti d-data tal-incident. Inoltre ma giex ezebit affidavit mediku dwar griehi sofferti minn Francis Borg. Dan ifisser li ma intlahaqx il-grad ta' " beyond a reasonable doubt " rikjest fil-kamp kriminali u isegwi li l-imputazzjoni ma gietx ippruvata

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li Rat l-artikoli Artikoli 328(c) tal-Kap 9 u L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta'

Malta  ma ssibx lil Francis Borg hati tal-imputazzjonji fil-konfront tieghu  u tilliberah  minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**